


F'*Għar Dalam saru skavi, jiġifieri taħfir u tiftix biex jinstabu l-fossili. Din l-istampa turina kif Sir Temi Zammit, arkeologu ewlieni tal-gżejjer tagħna, sab il-fossili ta' Għar Dalam. Sabhom hekk, saff fuq l-ieħor. Naturalment, dawk tal-wiċċ huma l-iktar riċenti. Xi annimali li sibna l-fossili tagħhom f'Għar Dalam kienu ċ-Ċriev, l-iljunfanti u l-ippopotami.*

Ħafna snin ilu, Malta u Għawdex ma kinux gżejjer. Kienu magħqudin man-naħa t'isfel ta' l-Ewropa, ma' Sqallija jew ma' l-Afrika. Il-Gżejjer Maltin kienu qishom il-parti ta' fuq ta' art li kellha l-għoljiet u l-widien tagħha. Dawn huma żminijiet imbiegħda li l-ġrajjiet tagħhom għadna qegħdin niskopruhom.

L-arkeoloġi huma xjentisti li jistudjaw dwar dawn iż-żminijiet. Huma nies imħarrġa biex jeżaminaw fdalijiet ta' għadam ġebli, li ngħidulu fossili, fdal ta' fuħħar, ġebel u sinjali oħra ta' ħajja.

F'**GĦAR DALAM** l-arkeoloġi sabu xhieda ta' dan kollu. Sabu għadam ġebli (fossili) ta' ippopotami, iljunfanti żgħar, ċriev, orsijiet u ħlejjaq oħra. Sabu wkoll fdal ta' għasfur kbir, iċ-ċinju. Dan kollu juri li eluf ta' snin ilu fl-inħawi ta' Malta kien hawn ħajja li tixbah lil ta' l-inħawi ta' l-Ewropa t'Isfel. Dawn l-annimali ma setgħux ġew Malta kieku ma kinitx magħquda ma' l-art ta' Sqallija. Bit-taqlib li sar matul iż-żmien, l-art tbiddlet, l-ilmijiet kaxkru l-fdalijiet fl-għar u ħallewhom tifkira ta' l-imgħoddi